# L-erba' altari tal-ġnub fil-Knisja tal-Vitorja Ħal Qormi

is-Sur Mario Fenech



Mir-rapport tal-Vista Pastorali tas-sena 1685 li kien għamel fir-raħal ta' Ħal Qormi l-Isqof Davide Cocco Palmieri nafu li ferm qabel din id-data kien hemm erba' knejjes li maż-żmien kienu spiċċaw għal kollox.

Biex dawn il-knejjes jew aħjar id-devozzjonijiet li kien hemm fihom qabel ma jintilfux meta nbniet il-Knisja ddedikata lit-Twelid tal-Madonna l-erbgħa altari tal-ġnub ġie deċiż li dawn ikun bl-istess dediki ta' dawn il-knejjes.

Dawn l-erba' altari tal-ġnub tal-Knisja huma ddedikati lil San Pawl, San Leonardu, Santu Rokku u t-tlugħ fis-sema tal-Madonna.

Kull altar qiegħed f'daħla fil-ħajt tal-korsija tal-knisja. Id-dekorazzjoni tagħhom hija mnaqqxa fil-ġebla Maltija fuq stil barokk b'żewġ kolonni fil-ġnub jerfgħu fuqhom fontispizju wkoll imżejjen bi skultura sabiħa.

Id-dawra ta' barra ta' dawn id-daħliet tal-altari għandha l-iskultura tagħha l-istess, fil-waqt li dik tal-artali hija differenti waħda mill-oħra.

Il-kult Pawlin fil-Gżejjer Maltin minn dejjem kien wieħed mifrux sew u għalhekk kien xieraq li f'Ħal Qormi wkoll jkun hemm Knisja ddedikata lilu u wara dan l-altar f'din il-Knisja. Ftit 'l isfel minn din il-Knisja wieħed jiltaqa' ma' statwa tal-ġebel kbira mill-isbaħ ta' San Pawl fuq pedistall għoli.

San Leonardo huwa l-qaddis padrun tal-ilsiera. Fi żmien meta f'Malta kien hawn l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ħafna kienu dawk li kienu jitolbuh il-grazzja tal-ħelsien mill-jasar ta' ħadd għażiż għalihom.



Artal ta' San Pawl



Il-kwadru ta' Santu Rokku

Santu Rokku kien meqjsu bħala l-Qaddis Protettur ta' dawk li kienu jintlaqtlu mill-marda qerrieda tal-pesta. Ir-raħal ta' Ħal Qormi għadda minn żminijiet koroh ta' din il-marda, għaldaqstant kien xieraq li jkun hemm Knisja żgħira ddedikata lilu.

Il-Kult lejn l-Assunta fil-gżejjer Maltin nsibuh tista' tgħid f'kull knisja ta' Malta u Għawdex. Kien hemm żmien meta bosta mill-knejjes żgħar li kienu jinbnew kienu jissejħu bħala ta' Santa Marija tax-xahar t'Awwissu.

F'Ħal Qormi tant kienet kbira din id-devozzjoni li nsibu tliet knejjes marjani b'dan it-titlu: Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas, il-Knisja ta' Santa Marija tal-Blat li t-tnejn li huma għandhom quddiemhom statwa kbira tal-ġebel ta' Santa Marija u l-Knisja ta' Santa Marija magħrufa bħala Ta' Qrejca.

Dawn l-erba' kwadri li hemm fuq dawn l-altari huma t'artisti mhux magħrufa. Mhumiex ta' livell artistiku għoli. Jista' jkun li dawn il-kwadri jew kienu fil-knejjes li kien hemm qabel jew xi ħadd għamel kopji viċin tagħhom. Dan nistgħu ngħiduh għaliex hemm xebh fid-daqqa tal-pinzell u n-nuqqas ta' movimenti fihom.

Il-knisja tat-twelid tal-Madonna f'Ħal Qormi mhux biss hija tempju Marjan ħaj iżda hija wkoll xhieda ta' kemm in-nies tal-inħawi għandhom għal qalbhom din il-knisja għal mod tajjeb li bih hija miżmuma.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.